MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 10/2005

**Alfred u Carmen konjugi Sciberras**

**vs**

**Registratur tal-Qorti**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat min Alfred u Carmen konjugi Sciberras fis-7 ta' Jannar, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremettew illi:

L-esponenti gew notifikat b'avviz mahrug mir-Registratur tal-Qorti [**Dok A**] u mitluba jhallsu s-somma ta' Lm295.59 bhala dritt lill-Perit Valerio Schembri;

Din it-taxxa giet mahruga wara li l-inkarigu tal-Perit gie revokat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li quddiemha hija

pendenti l-kawza fl-ismijiet **Alfred Sciberras et vs Catherine Sciberras et** [Citaz. Nru:- 1749/00JA];

L-esponenti jikkontendu li s-somma ntaxxata hija eccessiva meta wiehed jikkunsidra x'ghamel il-Perit f'dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevedi t-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-risposta tal-intimat li *in forza* taghha eccepixxa illi:

Kwantu ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kalkolu tat-taxxa ta' drittijiet u spejjez professjonali f'dal-kaz li nhadmu mill-ufficju tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali wara talba li saritlu mill-Perit Arkitett Valerio Schembri appozitament u jigi rilevat li tali taxxa inhadmet skond il-ligi u bil-metodi korretti ta' kalkolazzjoni. Ghalhekk l-esponenti jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti rigward l-istess u jtenni li m'ghandux ibati spejjez ta' din l-istanza.

B'rizerva ghal risposta ulterjuri.

Rat in-nota tal-Perit Valerio Schembri tal-14 ta' Frar, 2005, li *in forza* taghha iddikjara illi:

Permezz taghha huwa jixtieq jinforma lil din l-Onorabbli Qorti illi huwa gie notifikat bir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti konjugi Sciberras.

Huwa qed jipprezenta rendikont anness ma' din in-nota immarkat bhala Dok. VS1 u li hija rendikont tax-xoghol maghmul minnu fil-perizja li huwa kien qieghed jaghmel fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Sciberras et vs Catherine Sciberras et** (Cit. Nru. 1749/00JA).

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti illi huwa ma jaqbilx li din l-Onorabbli Qorti tbiddel, tvarja jew tirrevedi t-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti.

Rat l-affidavits imressqa bhala prova;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-Perit Valerio Schembri kien mahtur perit tekniku minn din il-Qorti fil-kawza *"Alfred Sciberras et vs Victor Sciberras et"*, citazzjoni numru 1749/00/JA. Jidher li, fil-kors tat-twettiq tal-inkarigu lilu moghti, inqalghu xi divergenzi bejn l-atturi f'dik il-kawza u l-indikat perit tekniku. Fid-dawl ta' dan, sar rikors mill-atturi ghas-sostituzzjoni tal-perit tekniku, izda din il-Qorti, diversament presjeduta, wara li semghet lill-partijiet u l-istess perit tekniku, b'digriet tal-11 ta' Gunju, 2003, cahdet it-talba ghas-sostituzzjoni tal-perit tekniku wara li qieset li ma kienux jezistu cirkostanzi mahsuba fil-ligi ghas-sostituzzjoni jew rikuza tal-perit tekniku. Jigi osservat li t-talba ghas-sostituzzjoni tal-perit tekniku *da parti* tal-atturi saret *a bazi* tal-allegazzjoni li l-istess perit ma rregistrax fedelment dak li sehh waqt access mizmum minnu. Il-perit tekniku kien cahad din l-allegazzjoni, u din il-Qorti, bil fuq imsemmi digriet, kienet sabet li l-allegazzjoni tal-atturi kienet infondata.

Din il-Qorti, kif presjeduta ghall-fini tal-kawza fil-meritu, eventwalment iddecidiet li tkompli tisma' l-provi hi, u b'digriet tal-15 ta' Novembru, 2004, irrevokat l-inkarigu tal-perit tekniku, u ordnatlu jirritorna l-inkartament wara li jithallas d-drittijiet tieghu. Ma gie adebitat ebda skorrettezza jew nuqqas fl-agir tal-perit tekniku. Il-perit tekniku talab li jigu ntaxxati d-drittijiet tieghu, u l-intimat hareg taxxa ta' Lm295.59, kwantu ghal Lm250.50 dritt, u Lm45.09 VAT. L-atturi qed jallegaw li t-taxxa hi eccessiva u talbu lil din il-Qorti biex tirrevedi t-taxxa.

L-ilment principali tal-atturi baqa' jdur fuq l-access mizmum mill-perit tekniku fit-23 ta' Jannar, 2001, peress li skond huma l-verbal ma jirriflettix il-verita' kif intqalet fl-istess access. L-attur jidher li irrekordja dak li intqal waqt l-access, u minn dan irrizultalu li waqt l-access intqal hafna aktar milli gie registrat mill-perit tekniku. Il-Qorti tara, *pero'*, li mhux kompitu ta' perit li jirregistra dak kollu li ntqal waqt access; anzi, fl-access ghandu jigi registrat biss dak li jigi konstatat bhala fatt, ghax kull stqarrija jew dikjarazzjoni li l-partijiet ikunu jridu jaghmlu fir-rigward, trid tinghad bil-gurament waqt seduta mizmuma ghal ta' l-apposta mill-perit. Dak li jghidu l-partijiet waqt access, li, hafna drabi, ma jinghadx wara l-ghoti tal-gurament, m'ghandux jigi registrat; perit jista', jekk jidhirlu opportun, jirregistra x'intqal min parti jekk jidhirlu necessarju ghall-kostatazzjoni jew deskrizzjoni ta' xi fatt, imma, bhala regola, hu ghandu, u anzi hu obbligat, jiehu xhieda biss bil-gurament u waqt seduti mizmuma minnu ghal dan l-iskop. Kif intwera, din il-Qorti, diversament presjeduta, kienet ukoll ma rat xejn hazin fil-komportament tal-perit tekniku waqt l-access, u cahdet it-talba tal-atturi ghas-sostituzzjoni tal-perit tekniku fuq din l-allegazzjoni. Din il-Qorti, kif issa presjeduta, wkoll ma ssib xejn ticcensura fl-agir tal-perit tekniku.

Ghar-rigward tal-pjanti, kif spjega l-perit tekniku, hu hejja l-istess minghajr ma dahal f'wisq dettal u dan biex ma jinvolvix lill-partijiet f'hafna spejjez; dak l-ewwel access ghamlu biex jiehu idejha tal-post qabel ma jisma l-provi, u l-hsieb tieghu kien li, wara li jisma l-provi, jaghmel access iehor u jhejji pjanta dettaljata li tindika b'mod car il-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet. Dan hu jkun jista' jaghmlu, wara li jkun sema', kif trid il-ligi, x'kellhom xi jghidu l-partijiet fuq il-kaz. Il-fatt li l-pjanti li hejja l-perit tekniku wara l-ewwel access huma differenti minn dik li pprepara l-perit *ex parte* tal-attur, ma jfissirx li l-pjanti tal-perit tekniku huma mankanti. Il-Qorti tifhem li pjanta dettaljata u precisa tkun mehtiega fl-istadju li jkun se jigi redatt ir-rapport, u jekk, fl-istadju tal-bidu tal-kawza, il-perit kien kuntent bi pjanta nieqsa mid-dettal, ma tarax ghaliex din il-Qorti ghandha ccanfru. Ma giex muri li l-perit tekniku kellu xi haga personali kontra l-atturi jew li kellu xi *bias* fil-

kaz, u allura ma hemm xejn irregolari li jithalla f'idejh certa diskrezzjoni dwar kif imexxi l-inkarigu lilu moghti. Il-Qorti, ghalhekk, hawn ukoll ma ssib xejn irregolari fl-agir tal-perit tekniku.

Jidher li m'hemmx tariffa ufficcjali fuq pjanta ppreparata minn perit tekniku biex isservi bhala stampa ta' dak li gie kkonstatat. Il-prassi tidher li hi li ghall-pjanta ta' daqs A3, il-perit jiehu Lm25, u ghall-pjanta ta' daqs A1, il-perit jiehu Lm50; ghal skizz id-dritt intaxxat hu ta' Lm12. Dawn il-figuri ma jiehdux *in konsiderazzjoni* x-xoghol involut fit-thejjija ta' pjanta partikolari, izda kieku l-kriterju kellu jkun hekk stabbilit, kienu jinholqu zgur problemi, specjalment meta tqies li Deputat Registratur mhux mistenni jivaluwa l-kontenut ta' pjanta. Kriterju fiss u oggettiv jidher aktar gust u prattiku, u din il-Qorti ma tarax li ghandha tqies il-hin li perit jiehu biex ihejji pjanta; zgur li ha hames snin studju fl-Universita', u x-xoghol ta' professjonist m'ghandux jigi kkalkulat fuq il-ftit minuti li seta' ha biex ta' l-parir jew hejja pjanta – wara dak il-parir jew pjanta hemm snin twal ta' studju iebes li jrid jittiehed *in konsiderazzjoni*.

Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll dwar in-numru ta' kopji li taghhom il-perit tekniku talab hlas. Il-perit tekniku ghamel din l-ispjegazzjoni fuq dan l-ilment:

*"Fir-rigward tal-kopji l-esponent ghamel dak li gie mitlub kemm mill-partijiet kif ukoll mill-Qorti. Jirrileva wkoll li stante illi r-rikorrent bidel tlett avukati fil-kawza Cit. Nru 1749/00 sakemm kien ghadu nnominat l-esponent, l-istess esponent kien ikollu kull darba li jitfacca avukat gdid jippatrocinja lir-rikorrent, jghaddi kopji ta' kull ma' jkun sar sa dak l-istadju lil l-istess avukati"*.

Din il-Qorti ezaminat il-process tal-kawza u taqbel li, bhala fatt, l-atturi kienu assistiti minn tlett avukati differenti, u tqies l-ispjegazzjoni moghtija mill-perit tekniku bhala misthoqqa.

Ghar-rigward tas-seduti jirrizulta li dawn kollha saru mill-perit tekniku wara ftehim mal-partijiet jew wara li l-istess partijiet kienu gew avvzati bl-appuntament. Il-perit tekniku

esebixxa kopji tal-avvizi li hu kien baghat lill-partijiet, u kkonferma li dawn kienu ntbghatu.  Il-fatt li fis-seduti deheru xi partijiet u / jew id-difensuri, jikkonferma li l-avvizi kienu jintbaghtu.  Dwar is-seduti iffissati mill-Qorti, *sta* ghall-parti li ssegwi l-kawza taghha, u dak li tordna jew tiddekreta l-Qorti, anke *in camera*, fil-kors tas-smiegh ta' kawza mhux mehtieg li jigi komunikat lill-partijiet.  Il-Qorti tinnota wkoll li f'hafna seduti iffissati ma sar xejn ghar-raguni imputtabbli lill-attur u / jew id-difensur tieghu, izda d-dritt dovut lill-perit tekniku ghandu xorta wahda jithallas.

Ghalkemm, il-konvenut jghid li mhux car, mit-tariffa, jekk ghas-seduta, mizmuma, perit tekniku ghandux dritt ghal Lm3 jew Lm10 ghal kull seduta, il-Qorti taqbel mal-prattika li la darba d-dritt ta' perit legali hu ta' Lm10, perit tekniku ghandu jinghata l-istess dritt.  Il-Qorti ma tara ebda raguni ghall-diskriminazzjoni fit-trattament ta' esperti mahtura mill-Qorti, u, ghalhekk taqbel dwar ir-rata ta' tassazzjoni.  Dan hu, fuq kollox, id-dritt ipprovdut fit-Tariffa K artikolu 16(a)(i) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tirrileva wkoll li Avukat m'ghandux dritt ihassar seduta semplicement ghax gie inkarigat xi erba' t'ijiem biss qabel id-data ffissata ghas-seduta.  *Sta* ghall-parti li tkellem Avukat fi zmien utili biex dan ikun jista' jidhirlu ghas-seduta.  L-atturi kienu jafu mill-10 jew 11 ta' Ottubru, 2003, bis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2003, u ma kellhomx ihallu ghal ftit granet qabel is-seduta biex ikellmu Avukat gdid; jekk kellmu Avukat tard b'mod li dan ma kellux l-opportunita' jipprepara ruhu ghas-seduta gia iffissata, ghad-dewmien u ghad-differiment ghal xejn, jirrispondu l-istess atturi.

Il-fatt li, eventwalment, il-Qorti irrevokat l-inkarigu moghti peress li dehrilha li setghet tkompli tisma' l-kaz minghajr htiega ta' assistenza teknika, ma jinnewtralizax il-fatt li, fil-bidu tal-kawza, il-Qorti dehrilha li kellha bzonn din l-assistenza u hadd mill-partijiet ma oppona.  La darba persuna hi nominata bhala espert tal-Qorti ghandha obbligu li tiffissa seduti u tibqa' ghaddejja b'dan sakemm ma jkollhiex kontro ordni mill-istess Qorti, u jekk tara li Avukat mhux qed jikkopera biex tigi ffissata seduta, hu

ghandu obbligu li jiffissa s-seduti u javza lill-partijiet.  Anke jekk Avukat gdid irid zmien biex jara l-atti, xorta wahda tista, u ghanda, tigi ffissata seduta (forsi fi zmien utili biex, fil-frattemp, l-Avukat jistudja l-kaz), izda Avukat m'ghandux jirrifjuta li jiffissa seduta bl-iskuza li ghadu ma rax l-atti tal-kawza.  Dan mhux agir li ghandu jigi protett, jew moghti soljev mill-Qorti.

Fuq is-seduta tad-29 ta' Jannar, 2004, il-Qorti ma jidhirlix li l-perit kellu jikkancella s-seduta semplicement ghax l-Avukat tal-atturi nfurmah li sar rikors ghar-revoka tal-hatra tieghu peress li ma kienx ghad jidher il-htiega tal-assistenza tieghu.  L-ewwel nett, l-ordnijiet ghat-thassir ta' seduti, il-perit johodhom mill-Qorti jew bi qbil bejn il-partijiet, u mhux fuq istruzzjoni ta' parti wahda fil-kawza.  Fit-tieni lok, il-hin allokat ghas-seduta zgur ma setax jigu uzufruwit mill-perit la darba it-talba ghall-kancellament saret biss tlett ijiem qabel.  Dak il-hin, kieku seta' intuza ghal seduta f'kawza ohra, kien ikun utilizzat u l-perit ma kienx ikollu dritt jithallas darbtejn ghalih: *pero'*, bhala hin allokat izda mhux utilizzat mill-atturi, huma xorta wahda jridu jhallsu ghalih.

L-ispejjez l-ohra relattati mal-korrispondenza, notifiki, kopji u trasport huma wkoll gustifikati u skond it-Tariffa K, artikolu 15(e) u artikolu 16 tal-Kap. 12.

Li din il-Qorti qieset oggezzjonabbli huwa l-hlas ta' Lm5 ghall-*"Ftuh tal-File"*.  Dan id-dritt ma johrog mil-ligi, u tidher li saret prattika f'dawn iz-zminijiet li jinhareg dan id-dritt.  Il-Qorti, *pero'*, ma issib ebda gustifikazzjoni ghalih.  Il-gudikant li qed jippresjedi din l-awla kien ghamel zmien jigi ngaggat mill-Qrati bhala perit legali, u qatt ma kien jigi ntaxxat lilu dan id-dritt.  La darba ma hemmx gustifikazzjoni ghal dan id-dritt, u ma jirrizultax mil-ligi, l-Qorti ma tistax tapprovah.  Apparti, *pero'*, din id-differenza zghira, il-Qorti ma ssib xejn irregolari fit-taxxa kif mahduma mir-Registratur, u peress li sejra tigi kkonfermata fil-maggor parti taghha, tqies ukoll li l-ispejjez ghandhom jbatuhom kollha r-rikorrenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' biss *in parte* t-talba tar-rikorrenti, u tiddikjara li s-somma dovuta lill-perit Valerio Schembri hija Lm289.69 (mitejn u disa' u tmenin liri Maltin u disa' u sittin centezmu), kwantu ghal Lm245.50 dritt u Lm44.19 VAT.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------